**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 39**
**It-Tnejn, 31 ta' Ottubru, 2022 fis-6:00 p.m.**

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - CEOS**

**1832. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 392, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari fl-intier tagħha u ċjoè jista' jagħti s-salarju li kull CEO rispettiv qed jitħallas u l-lista ta' benefiċċji allokati lil kull wieħed?

20/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 39
31/10/2022

**BORĠ IN-NADUR – XIRI TA' ART**

**1833. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk art fiż-żona magħrufa bħala Borġ in-Nadur ġietx mixtrija minn Heritage Malta u jekk iva x'kien il-prezz imħallas? Jista' jgħid jekk dan hux skont ir-rekwiżiti tal-procurement stipulati mil-liġi?

21/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li tali akkwist sar skont ir-regolamenti viġenti. Mill-bqija nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li kont tajt għal PQ 2360.

Seduta 39
31/10/2022

**BAJJA TAL-MISTRA – STALLAZZJONI TA' TRAFFIC LIGHTS FID-DĦUL U L-ĦRUĠ TAL-BAJJA**

**1834. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk humiex ser jiġu installati traffic lights biex jiffaċilitaw id-dħul u l-ħruġ fil-Bajja tal-Mistra? Jekk iva meta, u jekk le x'soluzzjonijiet għandu l-Ministru għal din is-sitwazzjoni perikoluża?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm il-ħsieb li jiġu installati traffic lights fil-post indikat u qed nikkomunikaw ma' Infrastructure Malta biex tiġi stabbilita data għal din l-installazzjoni.

Seduta 39
31/10/2022

**IL-MELLIEĦA – TRIQ IL-WIED TA' RUMAN - TARMAK**

**1835. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se ssir azzjoni korrettiva fi Triq il-Wied ta' Ruman fil-Mellieħa fejn it-tarmak niżel drastikament? Jista' jikkonferma jekk dan jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jew Transport Malta?

21/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**IL-MELLIEĦA – TRIQ IL-WIED TA' RUMAN - TARMAK**

**1836. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta se ssir azzjoni korrettiva fi Triq il-Wied ta' Ruman fil-Mellieħa fejn it-tarmak niżel drastikament? Tista' tikkonferma jekk dan jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jew Transport Malta?

21/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li kwalunkwe ħsara li jista' hemm ma ġietx ikkawżata minn entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża.

Kwalunkwe mistoqsija dwar azzjoni korrettiva potenzjali trid tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**COUNSELLORS – EŻENTI MILL-VAT**

**1837. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-counsellors mhumiex meqjusa bħala professjoni ta' mediku u jkunu eżenti għall-VAT bħalma huma l-Psikologi u l-psikoterapisti li qed jagħmlu l-istess xogħol? X'se jagħmel biex isolvi dan, issa li sar konxju minnu, speċjalment meta l-counsellors kienu parti mil-lista tal-Istrateġija tas-Saħħa Mentali għal Malta 2022?

21/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizz ta' counselling mhuwiex awtomatikament meqjus li jkun eżenti mill-VAT, għaliex dan mhuwiex servizz li f'kull ċirkustanza jitqies bħala servizz mediku. Dan skont id-Direttiva Ewropea tal-VAT u l-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea. Madankollu, il-Gvern ser ikompli jistħarreġ din il-kwistjoni kif xieraq, fid-dawl tal-iżviluppi li qed iseħħu f'dan il-qasam, bħalma għamel b'servizzi relatati.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2141. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1641 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa għadu ma sar l-ebda ħlas.

Seduta 39
31/10/2022

**MENTAL HEALTH SCREENING FL-ISKEJJEL**

**2142. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 474 u jgħid: B'referenza għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 28027 tat-12-il Leġiżlatura, jista' l-Ministru jindika kemm kien hemm każijiet fejn għalliema kkonsultaw ma' ġenituri ta' tfal li jaħsbu li għandhom bżonn l-għajnuna tat-tabib minħabba problemi ta' saħħa mentali f'dawn l-aħħar sentejn u sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

04/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'dawn l-aħħar sentejn u sal-aħħar tas-sena skolastika 2021/22 kien hemm ħames mija u sebgħa u tmenin (587) każ fl-iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat fejn għalliema kkonsultaw ma' ġenituri ta' tfal biex dawn ikellmu lit-tabib minħabba problemi ta' saħħa mentali.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2143. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 1639 u tgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa relatata mal-programm imsemmi kienet ta' sitt elef u sitt mitt ewro (VAT eskluża). It-temi diskussi kienu relatati mal-qasam ambjentali.

Seduta 39
31/10/2022

**BOROŻ TAL-PLASTIC GRIŻI JEW ĦODOR GĦALL-ĠBIR TAR-RIĊIKLAĠĠ**

**2144. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 1125 u tgħid kemm-il tunnellata ta' boroż tal-plastik griżi jew ħodor qed jintużaw għall-ġbir tar-riċiklaġġ fis-sena? X'inhuma l-pjanijiet tal-Gvern biex jinċentiva l-użu aħjar tal-kaxxi tal-kartun vojta li jkollhom il-ħwienet bħala kontenituri ta' skart ieħor fl-iskema tar-riċiklaġġ?

04/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-responsabilità tal-ġbir u trattament tal-materjal tal-boroż il-griżi u ħodor hija tas-settur privat li jagħmlu dan permezz tal-Producer Responsibility Schemes (PROs).

Rigward it-tieni mistoqsija, il-kartun huwa materjal riċiklabbli li ukoll jinġabar u jiġi rriċiklat għax jinġabar nadif. Jekk il-kartun jiġi użat għall-ġbir tal-materjal riċiklabbli ieħor, hemm ir-riskju li l-kartun jiġi kontaminat u għaldaqstant ma jibqax tajjeb għal-riċiklar u minflok jispiċċa ttrattat bħala skart imħallat.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2145. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 1637 u jgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħti ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkunu mgħarraf bl-attivitajiet/inizjattivi li jittieħdu.
Infurmat li it-tagħrif mitlub għall-perjodu ta' ħames snin hu ONE Productions (Espresso): €3256,80.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - UFFIĊJALI LI ĦADU SEHEM FI PROGRAMM TELEVIŻIV**

**2146. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb mistoqsija parlamentari 1634 u tgħid kemm sar ħlas, u d-data, mill-Ministeru u lil min, inkluż One TV u One Productions, mill-2017 sal-lum biex uffiċjali tal-Ministeru (inkluż il-Ministru) dehru/ħadu sehem fil-programm Espresso?

04/07/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ta' spiss jagħmlu materjal informattiv fuq il-midja kemm bħala reklamar, kif ukoll bħala slots informattivi. Dan bil-għan li l-pubbliku jkun mgħarraf bl-attivitajiet / inizjattivi li jittieħdu.
B'referenza għal dak li qed jistaqsi dwaru l-Onor. Interpellant, it-tagħrif għall-perjodu mindu twaqqaf dan il-Ministeru f'Novembru 2020 hu kif ġej:
ONE Productions (Espresso): €6,230.40.

Seduta 39
31/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ VELLERAN – XOGĦLIJIET FUQ TRIQ**

**2341. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju ta' xogħol ta' kostruzzjoni wasal, fi Triq Velleran, il-Fgura? Jista' jgħid kemm huwa kalkulat li ser iddum iktar biex tiġi finalizzata u kemm ser tiġi tiswa?

05/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità tal-Fgura, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Buqexrem, Triq ġdida fi Triq l-Għarnuq, Sqaq Rjallu, Triq il-Merħba, Triq is-Sur, Triq l-Għarnuq, Triq San Xmun, Triq San Tumas, Triq San Pietru, Triq Liedna, Triq Żabbar, Triq Hompesch, Triq Anġlu u Marianna Camilleri, Triq l-Għollieq, Triq il-Falkunier u Triq Rgħajja.

Infrastructure Malta bħalissa qed twettaq proġett b'investiment ta' madwar €400,000 biex tibni mill-ġdid f'daqqa Triq il-Velleran, Triq il-Ġojjin u parti minn Triq il-Merħba li jmissu ma' xulxin. Ix-xogħlijiet jinkludu servizzi taħt l-art għall-ilma, drenaġġ u għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita, bini ta' bankini ġodda, tisħiħ tal-pedamenti u wiċċ ġdid bl-asfalt. Ix-xogħlijiet fit-triq indikata tlestew u diġà ngħatat l-ewwel saffi t'asfalt, b'dak finali se jingħata meta jitlesta l-proġett kollu.

Fil-Fgura bħalissa qegħdin isiru wkoll xogħlijiet fi Triq Mater Boni Consili, Triq San Ġorġ Preca, Triq Pace u Grasso, Triq il-Kitba u Triq Giacomo Matteotti.

Seduta 39
31/10/2022

**ĦAL TARXIEN – TRIQ MANUEL BUHAGIAR – XOGĦLIJIET FUQ TRIQ**

**2342. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju ta' xogħol ta' kostruzzjoni wasal, fi Triq Manuel Buhagiar, Ħal Tarxien? Jista' jgħid kemm huwa kalkulat li ser iddum iktar biex tiġi finalizzata u kemm ser tiġi tiswa?

05/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-interpellanza tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**ĦAL TARXIEN – TRIQ MANUEL BUHAGIAR – XOGĦLIJIET FUQ TRIQ**

**2343. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju ta' xogħol ta' kostruzzjoni wasal, fi Triq Manuel Buhagiar, Ħal Tarxien? Jista' jgħid kemm huwa kalkulat li ser iddum iktar biex tiġi finalizzata u kemm ser tiġi tiswa?

05/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Ħal Tarxien, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq is-Sorijiet, Triq iż-Żejtun, Triq Marjanu Gerada, Triq Santa Marija, Triq Paola, Triq Birbixkilla, Triq Ġużeppi Montebello, Triq Francesco Crispi, Triq San Anard, Triq Xintill, Triq l-Isqajjaq, Triq it-Tabib Jimmy Farrugia u numru ta' sqaqien, Triq Santu Wistin, Triq il-Lampuka, Triq it-Tarzna, Triq il-Knisja, Vjal Simmons, Triq Birżebbuġa u Triq Manuel Buhagiar. L-aġenzija fetħet ukoll parkeġġ pubbliku ġdid bi spazju għal 128 vettura biswit il-Kulleġġ San Tumas More Skola Medja, inqas minn 200 metru mill-Knisja Parrokkjali. Dawk li jgħixu f'dawn l-inħawi, jew li jżuruhom, jistgħu jipparkjaw fih u jimxu l-bqija tat-triq lejn il-qalba tal-lokalità u b'hekk ikunu qed inaqqsu l-karozzi fit-toroq dojoq tal-madwar.

Triq Manuel Buhagiar tlestiet xahar ilu u l-bini mill-ġdid tagħha kien jinkludi bdil ta' servizzi taħt l-art għall-ilma, telekomunikazzjoni u drenaġġ skont il-ħtieġa, bini ta' bankini ġodda, tisħiħ tal-pedamenti u wiċċ ġdid b'diversi saffi t'asfalt. Huwa stmat li l-valur ta' dawn ix-xogħliiet jammonta għal madwar €250,000.

Bħalissa għaddej il-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq oħrajn madwar il-pajjiż, fosthom fi Triq Sant Antnin, f'Ħal Tarxien.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - ADVISORS**

**2624. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ma ġew impjegati l-ebda Advisors fil-Ministeru.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - ADVISORS**

**2625. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm impjegat Advisors fil-Ministeru tagħha u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' Advisors impjegati fil-Ministeru huwa ta' tmienja. Is-salarji huma bbażati fuq skala tlieta, għajr każ wieħed fejn is-salarju huwa ta' skala 5.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - ADVISORS**

**2626. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi hemm 5 Advisors impjegati fil-Ministeru, bi spiża totali ta' €15,407.75 fix-xahar.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - ADVISORS**

**2627. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru tiegħi hawn impjegati ħames (5) advisors li tnejn (2) huma fuq bażi full-time, wieħed jiġi mħallas skont skala 7 u ieħor skont skala 3. Filwaqt li t-tlett (3) advisors l-oħra huma fuq bażi part-time fejn tnejn jiġu mħallsa skond skala 3 u wieħed skont skala 5.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - ADVISORS**

**2628. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru ingaġġa 6 advisors, 3 bħala part-time u 3 bħala full-time. Dawn huma abbinati mal-iskali kif indikat hawn taħt:
2 Part Time – Skala 6
1 Part Time – Skala 7
2 Full Time – Skala 6
1 Full Time – Skala 7

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - ADVISORS**

**2629. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li fil-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli ma ġew impjegati l-ebda Advisors.

Seduta 39
31/10/2022

**TRASPORT PUBBLIKU - ROTTA X300**

**2872. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir biex terġa' tiġi introdotta r-rotta tal-karozza tal-linja bin-numru X300 li kienet topera bejn il-port taċ-Ċirkewwa u l-Isptar Mater Dei, l-Università u l-Belt Valletta b'mod dirett, issa li l-iskeda tal-fast ferry bejn Għawdex u Malta mhix waħda addattata għall-istudenti u ħaddiema Għawdxin f'Malta?

10/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 2864.

Seduta 39
31/10/2022

**IŻ-ŻEJTUN – TRIQ NIKOLA ATTARD - BANKINA**

**2919. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li l-bankina li hemm sfrundata u mkissra fi Triq Nikola Attard, Żejtun tissewwa billi qiegħda tikkaġuna ħsara lill-proprjetajiet privati?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2919 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**IŻ-ŻEJTUN – TRIQ NIKOLA ATTARD - BANKINA**

**2920. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-bankina li hemm sfrundata u mkissra fi Triq Nikola Attard, Żejtun tissewwa billi qiegħda tikkaġuna ħsara lill-proprjetajiet privati?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun illi l-istess Kunsill għaddej bi programm ta' xogħlijiet fuq sqaqien fiċ-ċentru taż-Żejtun kif ukoll fuq bankini madwar il-lokalità kollha. Infurmat li bħalissa għaddej xogħol estensiv fuq Triq San Frangisk fejn mhux biss qiegħed isir il-wiċċ tat-triq iżda qegħdin ukoll jinbidlu l-mains tad-drenaġġ u tal-ilma flimkien mas-servizzi tal-ilma tad-djar.

Infurmat li x-xogħol imsemmi qiegħed fil-lista ta' xogħlijiet li jsir skont il-prijorità u l-urġenza mistħoqqa.

Seduta 39
31/10/2022

**IŻ-ŻEJTUN – TRIQ NIKOLA ATTARD - BANKINA**

**2921. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara li l-bankina li hemm sfrundata u mkissra fi Triq Nikola Attard,Żejtun tissewwa billi qiegħda tikkaġuna ħsara lill-proprjetajiet privati?

11/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**PROĠETT TAL-GĦAR TA' CALYPSO**

**2951. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Għar ta' Calypso ġewwa x-Xagħra Għawdex, liema għar issa ilu magħluq għall-pubbliku għal diversi snin peress li kienet ċediet parti minnu? In vista tal-fatt li ż-żewġ Ministri ta' qablu ddikjaraw kemm-il darba li x-xogħol kien wasal biex jibda u li daqt jerġa' jinfetaħ, jista' jgħid jekk inkisbux u ġewx approvati l-permessi meħtieġa mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar u jekk iva fiex wasal il-proċess biex ikunu jistgħu joħorġu t-tenders u jibdew ix-xogħlijiet ferm bżonjużi?

11/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għaddej bil-konsultazzjonijiet mal-entitajiet meħtieġa biex eventwalment ikunu jistgħu jinkisbu l-permessi.

Seduta 39
31/10/2022

**IX-XLENDI GĦAWDEX – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PARKEĠĠ**

**2952. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar il-proġett tar-Riġenerazzjoni tal-parkeġġ tax-Xlendi li kien tħabbar l-ewwel darba f'Jannar 2019 u baqa' jissemma f'kull baġit iżda sal-lum baqa' ma sar xejn minnu? Jista' jgħid jekk ħarġux it-tenders għal dan ix-xogħol ta' riġenerazzjoni u jekk ġewx awarded? Jista' jgħid kemm hi stmata li se tkun l-ispiża fuq dan il-proġett u meta hu ppjanat li jinbeda u jitlesta x-xogħol?

11/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejja konsultazzjoni mal-korporazzjoni tal-ilma biex niżguraw li din l-infrastruttura tilqa' għaż-żieda fin-numru ta' residenti ġewwa x-Xlendi.

Seduta 39
31/10/2022

**ART BARRA Ż-ŻONI TA' ŻVILUPP LI HIJA PROPRJETÀ TAL-GVERN**

**2988. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hawnx katast ta' art barra ż-żoni ta' żvilupp li hi proprjetà tal-Gvern? Kemm minn din l-art hija okkupata minn bdiewa full-time, bdiewa part-time jew individwi oħrajn li mhumiex bdiewa, separatament? Kemm minn din l-art barra ż-żona hi proprjetà tal-Gvern mhux okkupata?

11/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal Artijiet għandha r-rekords tagħha għal kull kirja li hija tagħti u dwar jekk art tkunx proprjetà tal-Gvern jew Ex knisja u jekk din il-proprjetà tkunx mikrija jew le.
Fir-rigward tal-bqija tad-domanda, nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferiha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**IL-QAJJENZA – TRASPORT PUBBLIKU - ROTTA NRU 210**

**2989. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-karozzi tal-linja tar-rotta Nru 210 mhumiex jidħlu fil-Qajjenza kif stipulat fir-rotot tal-Malta Public Transport?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari nru 2704.

Seduta 39
31/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – REVIŻJONI TAR-ROTOT TAL-KAROZZI TAL-LINJA**

**2990. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jipprovdi aktar informazzjoni dwar x'se jsir fir-reviżjoni tar-rotot tal-karozzi tal-linja, liema reviżjoni ilha mwiegħda lill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għal ammont ta' żmien?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 2703.

Seduta 39
31/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – PROĠETT GĦAR-RIĠENERAZZJONI TAL-IMPJANT TA' SAN LUĊJAN**

**2991. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta se jibda x-xogħol fuq il-Proġett tas-Siċċa f'Birżebbuġa biex jiġi riġenerat l-Impjant ta' San Luċjan li ġie mħabbar ftit ġranet qabel l-elezzjoni ġenerali li għaddiet?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li diġà tħejja Outline Decommissioning Plan maqbul mal-ERA dwar kif għandu jsir id-decommissioning tal-impjant eżistenti ta' San Luċjan sabiex is-sit ikun jista' jiġi ppreparat għall-Proġett tas-Siċċa. Dan il-pjan se jintuża bħala bażi għat-tender li se jinħareġ għall-iżmantellar tas-sit.

Sabiex jiġi assigurat illi x-xogħlijiet isiru sew se jitqabdu Project Managers u Health & Safety Project Supervision, biex jissorveljaw ix-xogħlijiet mill-aspetti ta' project management, kif ukoll bħala sorveljanza dwar l-aspetti ta' saħħa u sigurtà.

Sadanittant qed jiġi ppreparat ix-xogħol għal Ground Water and Soil Investigation, Cleaning and Waste Disposal hekk kif maqbul fl-Outline Decommissioning Plan mal-ERA.

Fi kwalunkwe stadju qed jinżamm kuntatt mal-ERA.

Seduta 39
31/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – FTUĦ TA' BERĠA**

**2992. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se tinfetaħ berġa fil-lokalità ta' Birżebbuġa? Fejn hi proposta li ssir din il-berġa?

11/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 2911.

Seduta 39
31/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ L-IMNARJA – XOGĦLIJIET**

**2993. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jitlesta x-xogħol fuq Triq l-Imnarja, f'Birżebbuġa peress li affettwa b'mod negattiv ir-rotot tat-trasport pubbliku?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tibni mill-ġdid it-triq indikata, Infrastructure Malta għamlet tibdil u titjib tas-sistemi taħt l-art għad-distribuzzjoni tas-servizzi tal-ilma u dawl, kif ukoll ilqugħ għall-ilma tax-xita u bini mill-ġdid tal-bankini. Waqt dawn ix-xogħlijiet dejjem tħalla aċċess għat-trasport pubbliku. It-triq waslet fl-istadju li qed jissaħħu l-pedamenti u jsirilha wiċċ ġdid b'diversi saffi t'asfalt u għandha titlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 39
31/10/2022

**REWS – MEMBRI U CHAIRMAN TAL-BORD**

**3111. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2268 tista' l-Ministru tgħid:
a. jekk hemmx il-ħsieb li ssir sejħa pubblika (public call) għall-ħatriet li jmiss li jsiru fir-rigward taċ-Chairman u l-membri tal-Bord tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS); u
b. tamplifika dwar il-proċess li ser jiġi segwiet biex jintgħażlu l-membri tal-Bord tar-REWS?

17/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nassigura lill-Onor. Interpellant li kwalunkwe ħatriet ġodda fuq il-Bord tar-Regolatur se jsiru f'konformità sħiħa mal-provvedimenti tal-Kap. 545 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kriterji tal-għażla se jkunu ppublikati fil-mument opportun.

Seduta 39
31/10/2022

**DIRETTUR ĠENERALI (KOMPETIZZJONI) – TALBIET BIEX ISSIR INVESTIGAZZJONI**

**3112. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2290, tista' l-Ministru tgħid:
a. liema kienet l-entità li għamlet it-talba; u
b. x'kien l-eżitu sussegwenti għat-talba li saret?

17/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi b'referenza għat-tweġiba parlamentari 2290, it-talba sabiex l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jinvestiga saret minni fit-2 ta' Ġunju 2022 bħala l-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-kompetizzjoni u mhux minn xi entità. It-talba saret rigward it-tariffi mħabbra mill-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni. L-investigazzjoni tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għadha għaddejja.

Wieħed ta' min jirrimarka li wara sensiela ta' laqgħat li kellu l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni mal-operaturi tas-settur bħala parti mill-investigazzjoni, f'Awwissu li għadda, il-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni, kienu reġgħu

naqqsu l-prezzijiet għal dawk il-konsumaturi li ma kinux iħallsu bid-direct debit sabiex dawn jibqgħu jħallsu l-istess ammont li kienu jħallsu qabel ma ġew introdotti t-tariffi l-ġodda.

Seduta 39
31/10/2022

**DIRETTIVA UE 2020/1828 - IMPLIMENTAZZJONI**

**3113. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għad-diversi mistoqsijiet dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2020/1828 diġà magħmula – inkluż mistoqsija parlamentari 1359 - tista' l-Ministru tgħid x'ħidma saret s'issa, u b'mod partikolari jekk hux ser issir konsultazzjoni pubblika dwar il-miżuri leġiżlattivi li hemm bżonn li jsiru l-aktar meta wieħed iqis li din id-Direttiva tolqot mill-viċin l-interessi u d-drittijiet tal-konsumatur?

17/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol rigward it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva qiegħed fi stadju avvanzat u l-konsultazzjoni pubblika għandha ssir fi żmien qarib.

Seduta 39
31/10/2022

**AWTORITÀ MALTIJA TAT-TURIŻMU - ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI**

**3157. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842, 2466 u 2817 u jgħid l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

18/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 39
31/10/2022

**PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA RESIDENTI FL-IMĠARR MALTA**

**3158. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2822 u jagħti rendikont ta' kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti l-Imġarr (Malta) full-time u part-time matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena u skont is-sess?

18/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 39
31/10/2022

**PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA RESIDENTI FIR-RABAT, MALTA**

**3159. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2823 u jagħti rendikont ta' kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti r-Rabat (Malta) full-time u part-time matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena u skont is-sess?

18/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 39
31/10/2022

**ĦAL FAR – PROĠETT TAT-TRAKKA TAL-KAROZZI - KONSULTAZZJONI**

**3160. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2483 u jgħid ma' min saret konsultazzjoni, inkluż NGOs, fuq il-proġett tat-trakka tal-karozzi f'Ħal Far?

18/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3016.

Seduta 39
31/10/2022

**TAL-LINJA CARD APPLE WALLET**

**3184. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li Tallinja Card tkun aċċessibbli mill-Apple Wallet?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li se nkun qed ngħaddi dan is-suġġeriment lill-Malta Public Transport.

Seduta 39
31/10/2022

**REVERSE VENDING MACHINE BOTTLES**

**3185. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm se jkun hemm Reverse Vending Machines (RVMs) installati bħala parti mill-iskema ta' Rifużjoni tal-Kontenituri tax-Xorb f'Ħaż-Żebbuġ, ir-Rabat (Malta), Ħad-Dingli, l-Imtarfa, u l-Imġarr (Malta), indikati raħal b'raħal u bl-informazzjoni dwar il-postijiet fejn se jiġu installati?

19/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-operatur liċenzjat għandu l-obbligu jinstalla 320 Reverse Vending Machines (RVMs) madwar Malta u Għawdex.
L-iskema hija obbligata tiġbor u tirriċikla kontenituri tax-xorb tal-plastik, azzar, aluminju jew ħġieġ. Dawn il-fliexken jew bottijiet, li jvarjaw minn 0.1 litri sa 3 litri, jinkludu;
(a) ilma u flavoured water;
(b) luminati bil-gass jew bla gass;
(d) cider, birer u xorb tax-xgħir (malt beverages);
(e) kafè lest biex jiġi kkonsmat;
(f) xarbiet alkoħoliċi aromatizzati li jkollhom livell ta' kontenut alkoħoliku li ma jaqbiżx il 5%;
(g) dilutables.
Inbejjed, spirti, u meraq tal-frott (juices) huma esklużi mill-Iskema.

Qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 39
31/10/2022

**ĦAL LUQA – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**3195. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2940 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti Ħal Luqa, full-time u part-time, tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena?

19/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 39
31/10/2022

**IS-SIĠĠIEWI – RESIDENTI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA**

**3196. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2941 u jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti is-Siġġiewi, full-time u part-time, tul dawn l-aħħar għaxar snin u possibbilment sena b'sena?

19/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 39
31/10/2022

**ĦAL TARXIEN – ĦSARAT FI TRIQ SAN TUMAS**

**3221. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2943 dwar ħsarat fi Triq San Tumas f'Ħal Tarxien li kienet indirizzata lill-Ministru responsabbli mit-toroq, peress li l-Ministru rreferieni għand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien għaliex dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq teħtieġ minn żmien għal żmien, jista' l-Ministru jgħid meta l-Kunsill Lokali msemmi ser jagħmel il-manutenzjoni tant meħtieġa (patching estensiv) fit-triq imsemmija?

19/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien li l-istess Kunsill se jagħmel rikjesta mal-entità kkonċernata sabiex Triq San Tumas tinbena mill-ġdid is-sena d-dieħla. Infurmat ukoll li fil-frattemp, il-Kunsill Lokali se jibqa' jagħmel manutenzjoni regolari tat-triq sabiex itaffi l-inkonvenjenza.

Seduta 39
31/10/2022

**IL-FGURA – VJAL KOTTONER – PARTI MINN TRIQ LI QED TISFRONDA**

**3222. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2944 dwar il-parti minn Vjal Kottoner li qed tisfronda, filwaqt li nifhem li bħalissa qed isiru xogħlijiet ta' toroq ġewwa l-Fgura, jikkonsidra l-Ministru li tal-inqas il-parti ta' din it-triq li qed tisfronda tingħata prijorità u tiġi rranġata malajr kemm jista' jkun u qabel isir xi inċident li jista' jkun fatali?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Vjal Kottoner mistenni jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 39
31/10/2022

**IL-FGURA - ĦSARAT FI TRIQ L-14 TA' DIĊEMBRU 1945**

**3223. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2945 dwar ħsarat fi Triq l-14 ta' Diċembru 1945 li kienet indirizzata lill-Ministru responsabbli mit-toroq, peress li l-Ministru rreferieni għand il-Kunsill Lokali tal-Fgura għaliex dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq teħtieġ minn żmien għal żmien, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra meta l-Kunsill Lokali msemmi ser jagħmel il-manutenzjoni tant meħtieġa (patching estensiv) fit-triq imsemmija?

19/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li t-triq imsemmija jeħtieġ li ssir mill-ġdid u għaldaqstant saru diversi rikjesti mill-Kunsill lill-entità kkonċernata sabiex din issir.

Infurmat li patching żgħir qed isir min-naħa tal-Kunsill Lokali iżdapatching estensiv mhux qed isir minħabba r-raġuni surreferita.

Seduta 39
31/10/2022

**KAŻ QUDDIEM IL-BORD TAL-GOVERNANZA**

**3224. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2947, filwaqt li nassigura lill-Ministru li m'hemm ebda intenzjoni li ma nħallix l-istituzzjonijiet jaħdmu, anzi qed nipprova nara li din l-istituzzjoni taħdem, jista' l-Ministru jirrispondi punti A u B tal-mistoqsija parlamentari oriġinali? Hemm xi raġuni partikolari għaliex il-Ministru qed jipprova jevita li jirrispondi dawn il-punti li huma fl-interess pubbliku u li jpoġġu lill-Awtoritajiet akkontabbli lejn il-pubbliku għall-kariga pubblika li qed jokkupaw u l-ħlas li qed jieħdu minn fondi pubbliċi?

19/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li f'dan l-istadju m'għandi xejn xi nżid mat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 2947.

Seduta 39
31/10/2022

**LUKANDI, RISTORANTI, OPEN AIR VENUES JEW STABBILIMENTI KUMMERĊJALI – LIĊENZJA GĦAL DAQQ TA' MUŻIKA**

**3292. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk hemmx lukandi, ristoranti, open air venues, jew xi tipi oħra ta' stabbilimenti kummerċjali li għandhom liċenzji speċjali biex idoqqu l-mużika wara l-11p.m.? Jekk hemm, kemm hemm u f'liema lokalitajiet jinsabu dawn l-istabbilimenti?

21/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3106.

Seduta 39
31/10/2022

## MELLIEĦA – XOGĦOL LI SE JITWETTAQ MILL-MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

**3294. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema xogħol hu maħsub li jitwettaq mill-Ministeru għat-Turiżmu, jew minn xi awtorità/entità/dipartiment li taqa' taħtu, bħall-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA), matul is-snin 2022 u 2023, fil-lokalità tal-Mellieħa?

21/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġetti ppjanati fil-Mellieħa mill-Ministeru b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta huma r-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Mellieħa kif ukoll l-immodernizzar tal-promenade tal-Bajja tal-Għadira.
Barra minn hekk, fuq bażi regolari, il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi twettaq tiswijiet u manutenzjoni f'diversi partijiet tal-Mellieħa fuq turġien, bankini, għamara tat-toroq u spazji miftuħa. Dawn ix-xogħlijiet isiru dejjem f'assoċjazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

Seduta 39
31/10/2022

## NAXXAR – XOGĦOL LI SE JITWETTAQ MILL-MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

**3295. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema xogħol hu maħsub li jitwettaq mill-Ministeru għat-Turiżmu, jew minn xi awtorità/entità/dipartiment li taqa' taħtu bħall-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) matul is-snin 2022 u 2023, fil-lokalità tan-Naxxar?

21/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li huwa ppjanat li l-Parroċċa tan-Naxxar tiġi megħjuna biex isir dawl ġdid madwar il-Knisja Parrokjali.
Barra minn hekk, fuq bażi regolari, il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi twettaq tiswijiet u manutenzjoni fil-Pjazza tan-Naxxar u t-toroq tal-madwar. Dawn ix-xogħlijiet isiru dejjem f'assoċjazzjoni mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Seduta 39
31/10/2022

## SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL LI SE JITWETTAQ MILL-MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

**3296. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema xogħol hu maħsub li jitwettaq mill-Ministeru għat-Turiżmu, jew minn xi awtorità/entità/dipartiment li taqa' taħtu bħall-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) matul is-snin 2022 u 2023, fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar?

21/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qiegħda taħdem flimkien ma' aġenziji oħra fuq dawn il-proġetti ġewwa San Pawl il-Baħar:
· Il-proġett tal-Belveder fi Triq San Publiju
· It-tibdil tad-deck tal-gallarija fi Triq San Franġisk
· Tisbiħ fiż-żona ta' Triq il-Luzzu
· Tisbiħ fil-Pjazza prinċipali ta' Buġibba.

Barra minn hekk, fuq bażi regolari, il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi twettaq tiswijiet u manutenzjoni f'diversi partijiet ta' San Pawl il-Baħar fosthom fix-Xatt ta' Buġibba fejn anke inbidel parti mir-railing li hemm fil-promenade. Dawn ix-xogħlijiet saru dejjem bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Seduta 39
31/10/2022

**HERITAGE MALTA – XEMXIJA HERITAGE TRAIL**

**3297. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jieħu passi biex ix-Xemxija Heritage Trail, fix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, tingħata l-attenzjoni neċessarja biex ma ssirx iktar ħsara fiha filwaqt li jsiru x-xogħlijiet neċessarji sabiex dan is-sit storiku jiġi miżmum fi stat tajjeb? Meta kienet l-aħħar darba li sar xogħol fuq dan is-sit u fiex kien jikkonsisti? Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar l-involviment ta' Heritage Malta biex id-diversi aspetti li flimkien jiffurmaw it-trail, jiġu protetti?

21/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta biex tagħmel il-mistoqsija tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**MELLIEĦA – PARTIJIET LI GĦADHOM MINGĦAJR SISTEMA TAD-DRENAĠĠ**

**3298. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tagħti tagħrif dwar liema partijiet mil-lokalità tal-Mellieħa għadhom mingħajr sistema tad-drenaġġ? F'kull każ, meta hu maħsub li din is-sistema titwassal fl-inħawi fejn sa issa għad ma hemmx tali sistema? Xi studji wettqet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex tipprepara għal din l-estensjoni fis-sistema?

21/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tispeċifika għal liema parti qed tirreferi.

Seduta 39
31/10/2022

**GĦAWDEX – SANNAT – SKOLA TA' SPECIAL UNIT – WAITING LIST**

**3312. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-waiting list ta' studenti biex imorru l-Iskola tal-Ispecial Unit ġewwa Sannat, Għawdex?

24/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda waiting list biex studenti eliġibbli jattendu l-Ispecial Unit ġewwa Sannat.

Seduta 39
31/10/2022

**IS-SIĠĠIEWI – RESTAWR TA' EMERĠENZA FUQ ĦITAN TA' BARRA TAL-KAPPELLA TA' ĊWERRA**

**3313. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti direzzjoni biex isir restawr ta' emerġenza fil-ħitan ta' barra tal-Kappella magħrufa bħala Ta' Ċwerra li tinsab fil-pjazza tas-Siġġiewi hekk kif jidhru ġebel li jistgħu jaqgħu taħt bankijiet fejn ikunu bilqiegħda n-nies?

24/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**IS-SIĠĠIEWI – RESTAWR TA’ EMERĠENZA FUQ ĦITAN TA’ BARRA TAL-KAPPELLA TA’ ĊWERRA**

**3314. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti direzzjoni biex isir restawr ta' emerġenza fil-ħitan ta' barra tal-Kappella magħrufa bħala Ta' Ċwerra li tinsab fil-pjazza tas-Siġġiewi hekk kif jidhru ġebel li jistgħu jaqgħu taħt bankijiet fejn ikunu bilqiegħda n-nies?

24/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Direttorat tar-Restawr li l-Kappella ta’ Ċwerra fis-Siġġiewi mhijiex proprjetà pubblika. Madankollu se tkun qed issir spezzjoni tal-allegata ħsara biex tkun tista’ tittieħed azzjoni li titqies meħtieġa fiċ-ċirkostanzi, skont il-qafas legali li jirregola sitwazzjonijiet simili.

Seduta 39
31/10/2022

**MALTA BUSINESS REGISTER – POST MIKRI**

**3315. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm fih metri kwadri l-post li ġie mikri lill-Malta Business Registry u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt relattiv ta' kera?

24/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 23250 fis seduta tat-22.11.21.

Seduta 39
31/10/2022

**COMMITTEE OF GUARANTEE - OPERAT**

**3316. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid għalfejn m'għadux jopera l-Committee of Guarantee u jekk hux se jerġgħu jinħatru nies kompetenti biex jerġa’ jkun hemm dan il-kumitat?

24/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba parlamentari bin-numru 2381.

Seduta 39
31/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3317. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-Prim Ministru, tal-Ministri u tas-Segretarji Parlamentari għas-sena 2016?

24/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f’seduta oħra.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3318. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

24/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 3317.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3319. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

24/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3317.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3320. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

24/10/2022

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lil-Onor. Interpellant biex jirreferi ghall-Mistoqsija Parlamentari 3317 tal-istess Seduta.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3321. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

24/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 3317.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIKJARAZZJONI TAL-ASSI GĦAS-SENA 2016**

**3322. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dikjarazzjoni tal-assi tiegħu għas-sena 2016?

24/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari numru3317.

Seduta 39
31/10/2022

**FIBROMYALGIA CLINIC – SERVIZZI OFFRUTI**

**3332. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk l-użu prinċipali tal-Fibromyalgia Clinic huwiex biss il-kollezzjoni ta' data u l-użu ta' formoli li juru l-pain-scale? Jekk le, jista' jgħid x'inhuma s-servizzi offruti fil-Fibromyalgia Clinic?

24/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illil-pazjenti fil-bidu jiġu eżaminati f'Mater Dei minn Rheumatologist li flimkien mat-tim multidixxiplinarju (Clinical Nurse Specialist, Physiotherapist, Occupational Therapist) jindirizza l-bżonnijiet tal-pazjent u jsir pjan ta' ġestjoni. Meta l-kawża tal-pazjent tiġi kkontrollata biżżejjed, jiġi mistieden biex jiġi rivedut fil-klinika tal-Fibromyalgia fiċ-ċentru tas-Saħħa tal-Furjana fejn hemm żewġ tobba speċjalizzati , li kienu preżenti minn meta fetħet il-klinika u li huma mħarrġa biex jimmaniġġaw il-Fibromyalgia. Dawn ikomplu jsegwu l-pazjenti għal 4 żjarat oħra. Il-pazjent jista' jiġi riferut lura lill-MDH Rheumatology jew lil kwalunkwe membru ieħor tat-tim multidixxiplinarju.

Seduta 39
31/10/2022

**FIBROMYALGIA/MYALGIC ENCEPHALOMYELITIS - DISKUSSJONI PARLAMENTARI**

**3333. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux qed tiġi kkunsidrata diskussjoni parlamentari fuq il-fatt li l-Fibromyalgia jew il-Myalgic Encephalomyelitis għandhom jiġu kkunsidrati bħala diżabilità? Jekk le, x'inhi r-raġuni?

24/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi x'jitla' fuq l-aġenda tal-Kumitat Permanenti Parlamentari tas-Saħħa huwa kompitu tal-istess Chairman tal-Kumitat.

Seduta 39
31/10/2022

**NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT - PRIĠUNERIJA**

**3334. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kull sena, bejn l-2010 u l-2022, missirijiet u ommijiet effettivament intbagħtu l-ħabs wara li nstabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(ll), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri? Jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni skont it-tabella li qed tintbagħat separatament?

24/10/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 39
31/10/2022

**NUQQAS TA' ĦLAS TA' MANTENIMENT – TWISSIJA, MULTI, ĦABS SOSPIŻ**

**3335. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm kull sena, bejn l-2010 u l-2022, missirijiet u ommijiet effettivament instabu ħatja ta' ksur tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) artikolu 338(z), dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-manteniment, u artikolu 338(ll), dwar in-nuqqas ta' aċċess ta' wlied minuri, u kemm weħlu twissijiet, multi jew ħabs sospiż? Jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni skont it-tabelli li qed jintbagħtu separatament?

24/10/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 39
31/10/2022

**MTA – INFIQ FUQ ROUTE DEVELOPMENT**

**3336. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu vvotati flus u kemm intefqu mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) fuq Route Development għal kull sena bejn l-2015 u l-2022?

24/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Annual Reports and Financial Statements kif ukoll għall-Financial Estimates tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu li diġà tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 39
31/10/2022

**MTA – KUMPANIJI LI BBENEFIKAW MINN FLUS IVVOTATI GĦAL ROUTE DEVELOPMENT**

**3337. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' kumpaniji li bbenefikaw minn flus ivvotati għal route development mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) għal kull sena bejn l-2015 u l-2022?

24/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3336.

Seduta 39
31/10/2022

**MTA - BENEFIĊĊJI MINN FLUS PUBBLIĊI RELATI MA' ROUTE DEVELOPMENT**

**3338. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jispjega x'inhu l-proċess involut biex kumpanija tkun tista' tibbenefika minn flus pubbliċi relatati ma' Route Development? Xi proċeduri amministrattivi huma involuti, min jieħu d-deċiżjoni finali u kif l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) tasal għal deċiżjoni bħal din?

24/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3336.

Seduta 39
31/10/2022

**APPLIKAZZJONI GĦAĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA**

**3339. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li l-applikant, li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament, qiegħed fil-proċess biex jikseb iċ-ċittadinanza Maltija, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra:
a. kemm-il darba dan l-applikant ġie hawn Malta;
b. kemm dam hawn Malta kull darba li ġie; u
ċ. x'konnessjonijiet u kontribuzzjoni ta lil Malta?

24/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Informazzjoni dwar applikanti għaċ-ċittadinanza tingħata jekk il-persuni jakkwistaw iċ-ċittadinanza jew jekk jiġu privi miċ-ċittadinanza fejn isimhom jiġi ppublikat fil-gazzetta tal-Gvern.

Seduta 39
31/10/2022

**GUDJA – BYE-LAW DWAR PARKEĠĠ RESIDENZJALI**

**3340. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-bye-law dwar il-parkeġġ fil-Gudja li l-Ministru wieġeb dwarha fil-mistoqsija parlamentari 540, jista' l-Ministru jgħid għaliex din it-talba għall-bye-law eventwalment ġiet rifjutata?

24/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Gudja illi l-proposta ta' bye-laws preżentata mill-istess Kunsill dwar il-parkeġġ kienet ġiet rifjutata minħabba li tali proposta kienet tikkonfliġġi ma'policy nazzjonali dwar parkeġġ kontrollat.

Seduta 39
31/10/2022

**KAWŻI TAL-IMWIET F'MALTA**

**3341. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippubblika tabella li turi l-kawżi tal-imwiet f'Malta għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u din is-sena sad-data li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Jistgħu l-kawżi tal-mewt juru speċifikament dawk kawżati minn inċidenti tat-traffiku, inċidenti fuq il-post tax-xogħol, omiċidji, suwiċidji, u kawżi oħra li jidhirlu li huma pertinenti, filwaqt li l-imwiet minn kawżi naturali juru kemm kienu dawk kawżati minn attakki tal-qalb, dijabete, kanċer, u mard jew kundizzjonijiet oħra li jidhirlu għandhom ikunu inklużi? Jista' wkoll jissepara din l-informazzjoni skont firxa ta' etajiet?

24/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-kawżi tal-imwiet f'Malta għas-snin 2017 sl-2020. Statistiċi tal-2021 ikunu għadhom ma ħarġux.

Seduta 39
31/10/2022

**MALTA ENTERPRISE – PROĠETTI INVESTIMENT BARRANI (FDI)**

**3343. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3243 u tgħid kemm kien hemm proġetti li approvat il-Malta Enterprise li kienu ta' investiment barrani (FDI) għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022, u għal kull sena tgħid kemm minnhom kienu start-ups jew kienu kumpaniji stabbiliti, u kemm minn dawn għadhom joperaw fil-preżent?

25/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 39
31/10/2022

**PROĠETTI RELATATI MAL-MEDICAL CANNABIS**

**3344. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3244 u tgħid kemm kienu l-proġetti relatati mal-medical cannabis approvati mill-Malta Enterprise fis-snin 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022, u għal kull sena kemm minnhom fil-verità bdew joperaw u kemm minnhom għadhom joperaw fil-preżent? Tista' tgħid kemm hemm impjegati f'kull wieħed minnhom?

25/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn l-2018 u l-2022, il-Malta Enterprise approvat 33 proġett ta' medical cannabis li minnhom hawn diġà joperaw 7 kumpaniji li bejniethom qed jimpjegaw 79 impjegat, fil-maġġoranza tagħhom xjentisti u persuni mill-qasam mediku u farmaċewtiku. 4 kumpaniji oħra li ġew approvati jinsabu fil-proċess li jottjenu liċenzji skont l-Att dwar il-Kannabis għall-Użu Mediċinali.

Il-proċess rigoruż li jsir mill-entitajiet governattivi għal-liċenzjar finali ta' proġett ta' medical kannabis jieħu s-snin sabiex ikun hemm l-aċċertazzjonijiet kollha neċessarji biex il-prodott finali jkun tal-ogħla grad farmaċewtiku. Fl-istess waqt, il-qasam tal-Kannabis globalment għadda minn diversi fażijiet fejn intlaqat b'mod negattiv waqt il-pandemija, kif ukoll kien hemm diversi kumpaniji li ġew akkwistati minn kumpaniji oħra u li għadhom għaddejjin minn proċess ta' akkwiżizzjoni, b'hekk proġetti bħal dawn jieħdu iktar snin sabiex iseħħu.

Seduta 39
31/10/2022

**ARTIFATT STORIKU**

**3346. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għad-diskors tal-Ministru Anton Refalo waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari tas-seduta 36, nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru, jista' l-Ministru, permezz tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, jikkonferma jekk hux f'pożizzjoni li jgħid minn fejn oriġinat il-ġebla storika li għandu fil-ġnien privat tiegħu?

25/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 1305.

Seduta 39
31/10/2022

**ARTIFATT STORIKU**

**3347. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għad-diskors tal-Ministru Refalo waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari tas-seduta 36, nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru, jista' l-Ministru jgħid kif akkwista l-artifatt storiku li għandu fil-ġnien privat tiegħu?

25/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandi xejn iżjed xi nżid mal-istqarrija li ppubblikajt fit-18 ta' Frar ta' din is-sena.

Seduta 39
31/10/2022

**RAĦAL ĠDID – ĦSARAT FIL-PJAZZA PRINĊIPALI**

**3348. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 2747 u 3087, jista' l-Ministru jagħti l-informazzjoni mitluba dwar ħsarat fil-Pjazza prinċipali ta' Raħal Ġdid?

25/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi għat-tweġiba parlamentari bin-numru 2056.

Seduta 39
31/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ HOMPESCH U TRIQ ŻABBAR – ĊITAZZJONIJIET LILL-VETTURI KUMMERĊJALI KBAR**

**3349. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li fit-toroq prinċipali tal-Fgura (Toroq Żabbar u Hompesch) hemm tabelli li ma jistgħux jgħaddu vetturi kummerċjali kbar jekk ma jkunux se jagħtu servizz fil-lokalità u kif kulħadd jaf, dawn il-vetturi jgħaddu minn din it-triq il-ħin kollu, inkluż filgħaxija, jista' l-Ministru jagħti informazzjoni ta' kemm ħarġu ċitazzjonijiet fuq din il-materja mil-LESA u l-Pulizija tul is-sena 2022, maqsuma xahar b'xahar?

25/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fit-toroq imsemmija mill-Onor. Membru hemm tabella waħda b'senjalazzjoni li tindika li vetturi kummerċjali kbar ma jistgħux jgħaddu, jekk ma jkunux se jagħtu servizz fil-lokalità. Infurmat li matul is-sena 2022 inħarġu seba' (7) kontravvenzjonijiet lil sewwieqa li għaddew mit-toroq insemmija b'vetturi kummerċjali kbar, u li ma kinux intenzjonati li jagħtu servizz fil-lokalità.

Seduta 39
31/10/2022

**Ħ'ATTARD – CENTRAL LINK – ĊITAZZJONIJIET TA' OVER SPEEDING**

**3361. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet ta' over speeding fis-Central Link, f'Ħ'Attard mill-Pulizija u/jew mill-Uffiċjali tal-LESA (fil-biċċa ta' bejn il-pompa tal-petrol li tinsab quddiem il-Palazz ta' San Anton u Wied Inċita) fis-snin 2021 u 2022?

25/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' ċitazzjonijiet dwar overspeeding, bl-użu ta' speed guns li nħarġu mill-pulizija tat-Taqsima tat-Traffiku fit-triq imsemmija minn Diċembru 2021 sal-25 ta' Ottubru ta' din is-sena, kien ta' disa' mija u sitta u tletin (936).

Seduta 39
31/10/2022

**Ħ'ATTARD – CENTRAL LINK – MIŻURI BIEX JIĠI KKONTROLLAT L-OVERSPEEDING**

**3362. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu mill-Pulizija u/jew il-LESA sabiex jiġi kkontrollat l-'over speeding' fis-Central Link, f'Ħ'Attard fil-biċċa ta' bejn il-pompa tal-petrol li tinsab quddiem il-Palazz ta' San Anton u Wied Inċita?

25/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-miżuri prinċipali li qed jittieħdu kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-uffiċjali tal-LESA biex jiġi kkontrollat l-over speeding fis-Central Link, f'Ħ'Attard fil-biċċa indikata mill-Onor. Interpellant, hu permezz ta' preżenza aktar frekwenti ta' uffiċjali miż-żewġ awtoritajiet bħala mezz ta' prevenzjoni u kontroll, u bi ħruġ ta' ċitazzjonijiet kif u meta jkun hemm il-ħtieġa.

Seduta 39
31/10/2022

**PENSJONI TAR-ROMOL**

**3381. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3055 u jgħid kemm kienet iż-żieda li ngħatat din is-sena lill-persuni kollha li jirċievu l-Pensjoni tar-Romol? Jista' jgħid kemm hu n-numru ta' persuni li kienu intitolati għal din iż-żieda?

25/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ż-żieda fir-rata tal-pensjoni tar-romol kienet ta' €5 fil-ġimgħa. Din iż-żieda tħallset €4.42 mar-rata tal-pensjoni filwaqt li d-differenza ta' €0.58 tħallset mar-rata tal-bonus tal-għoli tal-ħajja. In-numru ta' persuni li kienu intitolati għal din iż-żieda kien ta' 17,621. B'riżultat ta' miżura oħra mħabbra fil-Baġit 2022, 6,705 persuni li jirċievu l-pensjoni tar-romol, barra ż-żieda li ngħatat lil pensjonanti kollha msemmija fuq, irċievew ukoll żieda medja oħra ta' €4.52 fil-ġimgħa. Din il-miżura taħseb biex gradwalment, fuq medda ta' snin, il-pensjonanti romol kollha se jkollhom il-pensjoni tagħhom aġġustata biex issir ekwivalenti għall-pensjoni li kieku jkollu l-konjugi tagħhom kieku għadu ħaj. L-aġġustament li jmiss se jsir fl-2023 wara li fil-Baġit 2023 tħabbret it-tkomplija tal-miżura.

Seduta 39
31/10/2022

**MEDIĊINI B'XEJN – ANZJANI TA' 80 SENA U AKTAR**

**3382. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3057 u jgħid kemm hu n-numru ta' anzjani fl-età ta' 80 sena jew aktar sal-lum li qed jieħdu mediċini b'xejn?

25/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' persuni li huma benefiċjarji tal-Għajnuna Medika bla Ħlas jew kif inhi magħrufa l-Karta r-Roża, fl-età ta' 80 sena jew aktar huwa ta' 4149.

Seduta 39
31/10/2022

**PERSUNI LI GĦANDHOM IL-KARTA R-ROŻA**

**3383. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni f'Malta u f'Għawdex li għandhom il-Karta r-Roża? Jista' jgħid kemm minn dawn il-persuni huma anzjani?

25/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-total ta' persuni li għandhom il-Karta r-Roża f'Malta u Għawdex huwa 9,715. Minn dawn 7,251-il persuna għandhom 'il fuq minn 60 sena.

Seduta 39
31/10/2022

**ASSISTENZA MEDIKA**

**3384. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jispjega għal liema raġuni l-estimu għas-sena 2023 għall-assistenza medika tnaqqas bl-ammont ta' €1,813,000, meta mqabbel ma' dak approvat għas-sena 2022?

25/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tqassim tal-allokazzjonijiet finanzjarji isir mill-Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol u jsir fuq tbassir li hu dipendenti fuq diversi fatturi. Ix-xejra fl-aħħar snin qed turi li minn sena għall-oħra qed ikun hemm tnaqqis fil-benefiċjarji, anke minħabba t-tnaqqis kbir li qed nesperjenzaw f'dik li hi dipendenza soċjali fejn fl-aħħar 9 snin naqsu b'aktar minn 9,000 dawk li jiddependu fuq l-assistenzi soċjali. Fil-fatt għall-2022 qed jirriżulta li l-estimu approvat ta' €18,700,000 għall-Assistenza Medika mhux se jintefaq kollu u fl-aħħar tas-sena l-ammont minfuq fuq din l-assistenza se jkun anqas.

Għaldaqstant fir-realtà mhux se jkun hemm it-tnaqqis li indikat l-Onor. Interpellant. Infakkar ukoll li l-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali huma self-appropropriated li jfisser li jkunu xi jkunu l-allokazzjonijiet finanzjarji fl-estimi, kull pensjoni u kull benefiċċju dovut irid bil-liġi jitħallas f'kull waqt.

Seduta 39
31/10/2022

**SPTAR MATER DEI – HIP REPLACEMENT**

**3385. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2897 u jgħid kemm saru operazzjonijiet għall-hip replacement fl-Isptar Mater Dei fis-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022 (sal-lum), sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm hemm persuni fuq il-waiting list għall-hip replacement? Jista' jgħid ukoll kemm hu ż-żmien ta' stennija biex dawn il-persuni jingħataw appuntament għal din l-operazzjoni?

25/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi pazjenti li qed jistennew għal hip replacement għal aktar miż-żmien stipulat fil-Patient Charter huma 132 persuna.

Seduta 39
31/10/2022

**SPTAR MATER DEI – OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI**

**3386. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2898 u jgħid kemm saru operazzjonijiet tal-katarretti fl-Isptar Mater Dei fis-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022 (sal-lum), sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm hemm persuni fuq il-waiting list? Jista' jgħid ukoll kemm hu ż-żmien ta' stennija biex dawn il-persuni jingħataw appuntament għal din l-operazzjoni?

25/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 3170.

Seduta 39
31/10/2022

**SIĠĠIEWI – XOGĦLIJIET TA' TOROQ**

**3412. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li se jsiru fis-Siġġiewi sal-aħħar ta' din is-sena u tul is-sena 2023? F'liema xahar hu pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

25/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fil-lokalità tas-Siġġiewi, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq Nikola Azzopardi, Triq it-Tiġrija, Triq is-Siġġiewi, Triq id-Dar tal-Providenza, Sqaq tal-Ħandaq, Triq ta' Djar il-Baqar, Triq il-Fawwara, Triq San Dawdar, Triq taż-Żiri, Bur il-Kbir, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Triq Ta' Karlozzu, Triq Wied tal-Lewża, Bur ix-Xewk, Triq Nicolo Baldacchino, Triq Għar Lapsi (Tal-Providenza), Triq San Nikola, Triq il-Parroċċa, Triq Ta' Bur it-Tokk, Triq Ta' Bur Gabrun, Triq Għar Lapsi (Ta' Srug), Sqaq iż-Żebbiegħ, Sqaq tal-Farrad, Sqaq Ta' Ngħajsa, Sqaq it-Twil, Triq Ta' Lawrenti, Wied Ħesri, Triq Manduka, Triq Ta' Żmetta, Trejqe Sant'Andrija, Triq ix-Xagħra tal-Gżira u ta' Għar Lapsi, Triq il-Vitikulturisti, triq bla isem fir-runway l-antika fl-inħawi ta'San Niklaw, tirq bla isem fl-inħawi tal-Mitħna ta' Laroka, triq bla isem li tmiss ma' Trejqa tal-Providenza, triq bla isem li tmiss ma' Triq Inżul ix-Xemx, triq bla isem li tmiss ma' Triq San Lawrenz tal-Għolja, triq bla isem li tmiss ma' Triq is-Siġġiewi, triq bla isem li tmiss ma' Triq Bur ix-Xewk, triq bla isem li tmiss ma' Triq San Niklaw, triq bla isem oħra fl-inħawi ta' San Niklaw, triq bla isem fil-limiti tal-Buskett, triq bla isem fl-inħawi tal-Ħofra u Tal-Lenza, Triq Wied Xkora.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Sqaq tan-Nadur, Triq Lapsi, Triq tal-Bajjad u triq ġdida fil-Mogħdija ta' Fuq Djar il-Bniet.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 39
31/10/2022

**ĦAL-LUQA – XOGĦLIJIET TA' TOROQ**

**3413. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li se jsiru f'Ħal-Luqa sal-aħħar ta' din is-sena u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

25/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lokalità ta’ Ħal Luqa, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq Valletta, Triq in-Noqor, Triq Dun Giulio Muscat, Triq id-Disgħa t’April, Triq Ġorġ Zahra, Triq Indri Micallef, Triq Wiġi Briffa, Triq l-Iskola, Triq il-Ġdida, Triq Dun Pawl, triq bla isem fi Triq Garibaldi, triq bla isem fi Ħal Luqa, triq bla isem ħdejn Triq Ħal Farruġ, Triq Ħal Qormi u Triq San Tumas, ir-rotta ewlenija bejn Ħal Qormi u Ħal Luqa.

Din il-lokalità ser tibbenefika mill-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali, il-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project li ser itejbu l-junctions prinċipali ta’ Ħal Luqa u l-Gudja fir-rotta ewlenija lejn l-Ajruport. Iż-żewġ proġetti ser itejbu l-ħin tal-ivvjaġġar u jnaqqsu t-tniġġis tat-traffiku fl-inħawi tal-madwar.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta’ konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta’ toroq, li huma ta’ prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 39
31/10/2022

**ĦAL QORMI – XOGĦLIJIET TA’ TOROQ**

**3414. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jagħti lista ta’ toroq li se jsiru f'Ħal Qormi sal-aħħar ta' din is-sena u tul is-sena 2023? F’liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm se jdum biex jitlesta kull proġett? Jista’ jelenka x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

25/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta’ Ħal Qormi, Infrasrtucture Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq l-Għargħar 1979, Triq maġenb Triq il-Mitħna, Triq Dun G Cilia, Triq Ġorġ Zammit, Triq l-Imdina (lejn in-nofsinhar), Triq il-Poeżija, il-Bypass tal-Imrieħel u n-niżla li għall-mini ta’ Santa Venera, Triq it-Tapizzara, Triq Angelo Borg, Triq in-Naħal, Triq l-Isqof Depasquale, Triq Ġorġ Borg, toroq bla isem f’Tal-Ħlas, f’Tal-Ħandaq, fil-limiti Tal-Ħammieri u ħdejn Triq il-Belt Valletta,Triq Għarrqam u Triq il-Ħarrub.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq l-Imdina (lejn it-tramuntana).

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzija għadha kemm varat proċess ta’ konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta’ toroq, li huma ta’ prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 39
31/10/2022

**GĦAWDEX - MCAST - STUDENTI**

**3415. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3182, jista' l-Ministru jgħid x'kienu s-suġġetti mgħallma? Kemm kien hemm studenti jħallsu għall-kors? Kemm kienet l-età medja ta' dawn l-istudenti?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-suġġetti mgħallma jinkludu ICT, Negozju u Kummerċ, Ħarsien u Kura Soċjali, Edukazzjoni Inklussiva (Baċċelerat) u dik bikrija (Higher Diploma), Inġinerija, Hairdressing, Health Sciences, Vocational and Employability Skills. Ninforma lill-Onor. Interpellat ukoll li d-day courses huma offruti bla ħlas u l-unika miżata li tista’ tkun applikata huma f’korsijiet li jkollhom

xi forma ta’ eżami estern jew addizzjonali fejn l-istudent jagħżel b’mod volontarju. L-età medja hi dik ta’ bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) -il sena.

Seduta 39
31/10/2022

**SPTAR TAL-ONKOLOĠIJA - KIMOTERAPIJA**

**3416. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il tip ta' kimoterapija tingħata fl-Isptar tal-Onkoloġija ġewwa Malta? Minn dawn li semmejt, kemm minnhom jingħataw fl-Isptar ta' Għawdex?

25/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninformal lill-Onor. Interpellant illi f’Malta, fl-Isptar tal-Onkoloġija tingħata 22 tip ta’ kimoterapija. Waqt li fl-Isptar ta' Għawdex tingħata 13-il tip u 4 tipi oħra orali.

Seduta 39
31/10/2022

**TRASFERIMENT TAR-REĠISTRU MINN SPORTMALTA GĦALL-AIMS**

**3417. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess ta' trasferiment tar-reġistru minn SportMalta għall-AIMS? Kemm baqa' sabiex jiġi finalizzat u jaħdem dan ir-reġistru?

25/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jiġu abbozzati l-avviżi legali relatati mal-introduzzjoni tar-reġistru kif mitlub mill-Att dwar il-Governanza Sportiva u L-Integrità fl-Isport.

Seduta 39
31/10/2022

**BELT VALLETTA, BIRKIRKARA, MARSAXLOKK, BIRŻEBBUĠA U Ż-ŻURRIEQ – KOPJA TAL-FTEHIM BEJN IL-KUNSILLI LOKALI U DIVIŻJONI GĦAT-TINDIF U L-MANUTENZJONI**

**3418. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jippreżenta kopja tal-ftehim li daħal fis-seħħ bejn id-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni u l-Kunsilli Lokali tal-Belt Valletta, Birkirkara, Marsaxlokk, Birżebbuġa, u ż-Żurrieq?

26/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra id-dokumenti mitluba.

Seduta 39
31/10/2022

**DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3419. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il direct order u/jew sejħa pubblika ġew mogħtija/mirbuħa mis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament u jagħti dan ir-rendikont bl-ammont, deskrizzjoni tax-xogħol u maqsum sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin?

26/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 39
31/10/2022

**DIRECT ORDERS LIL KUMPANIJA**

**3420. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il direct order u/jew sejħa pubblika ġew mogħtija/mirbuħa mis-soċjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament u jagħti dan ir-rendikont bl-ammont, deskrizzjoni tax-xogħol u maqsum sena b'sena għal dawn l-aħħar ħames snin?

26/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru u l-Entitajiet li jaqgħu taħtu ma taw ebda xogħol lis-soċjeta msemmija fil-mistoqsija.

Seduta 39
31/10/2022

**KUMPANIJI U PERSUNI LI RĊEVEW L-AKTAR AMMONT TA' ĦLAS MINN FONDI PUBBLIĊI**

**3421. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid u jagħti l-informazzjoni permezz ta' tabella ta' min kienu l-aktar għaxar persuni jew soċjetajiet li rċivew l-akbar ammont ta' ħlas minn fondi pubbliċi b'mod globali minn direct orders u dana billi jipprovdi lista ta' ismijiet u l-ammonti rispettivi li rċivew mill-1 ta' Jannar 2022 sal-lum?

26/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 39
31/10/2022

**KARNIVAL – ARMAR - SPEJJEŻ**

**3422. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie jiswa l-armar għall-Karnival li ġie organizzat f'Mejju?

26/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 2815.

Seduta 39
31/10/2022

**QORTI TAL-ĠUSTIZZJA – MESSAĠIERA FIR-REĠISTRU, DEPUTATI REĠISTRAR U KAXXIERA**

**3423. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid rispettivament kemm kien hemm Messaġġiera fir-Reġistru, Deputati Reġistrar, u Kaxxiera fil-Qorti tal-Ġustizzja għal dawn l-aħħar ħames snin?

26/10/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija m'għandhiex statistika ta' kemm ħadmu messaġġiera, Deputati Reġistraturi u skrivana fir-Reġistru għal dawn l-aħħar ħames snin. Però qed nannetti tabella li turi kemm hemm impjegati fir-rwoli msemmija jaħdmu preżentement mar-Reġistru Ċivil u Kriminal fil-Qrati ta' Malta u Għawdex.

| | **Deputati Reġistraturi** | **Skrivana** | **Messaġġiera** |
|---|---|---|---|
| **Ċivil** | 58 | 40 | 35 |
| **Kriminal** | 21 | 11 | 14 |
| **Għawdex** | 7 | 6 | 3 |
| **Amministrazzjoni** | 1 | 3 | 1 |
| | **87** | **60** | **53** |

Seduta 39
31/10/2022

**SKEMA 'IRRINOVA DAREK' – APPLIKAZZJONIJIET**

**3429. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm applikaw, lokalità lokalità, għall-iskema 'Irrinova Darek' minn meta nfetħet sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid kemm minnhom ġew approvati u kemm minnhom sar il-finanzjament?

26/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li n-numru ta' applikazzjonijiet għall-iskema 'Irrinova Darek' huwa ta' 99,li minnhom 82 kellhom id-dokumentazzjoni rikjesta u kienu eliġibbli. Dawn huma maqsuma skont il-lokalitajiet imniżżla hawn taħt:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Lokalità: | Floriana | Applikazzjonijiet: | 4 |
| Lokalità: | Marsa | Applikazzjonijiet: | 2 |
| Lokalità: | Valletta | Applikazzjonijiet: | 35 |
| Lokalità: | Birgu | Applikazzjonijiet: | 8 |
| Lokalità: | Paola | Applikazzjonijiet: | 1 |
| Lokalità: | Kalkara | Applikazzjonijiet: | 9 |
| Lokalità: | Isla | Applikazzjonijiet: | 7 |
| Lokalità: | Bormla | Applikazzjonijiet: | 16 |

Mill-applikanti, ikkwalifikaw 82 applikant għall-ewwel parti tal-iskema, li tikkonsisti fi ħlas għall-'Energy Audit', rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' l-Effiċenza tal-binja u ċ-ċertifikat ta' 'Energy Performance' (EPC). L-evalwazzjoni tat-tieni fażi għaddejja bħalissa u abbażi tal-fondi allokati u titjib fl-effiċjenza tal-binjiet, ser jintgħażlu il proġetti li jikkwalifikaw.

Seduta 39
31/10/2022

**BAĠIT 2023 – MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3430. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-baġit li ser jintefaq bejn is-17 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022 fuq reklamar u promozzjoni dwar il-Baġit 2023 li jikkonċerna l-Ministeru tiegħu?

26/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox se jkunu qed jintefqu €8,420.14.

Seduta 39
31/10/2022

**BAĠIT 2023 – MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3431. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-baġit li ser jintefaq bejn is-17 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022 fuq reklamar u promozzjoni dwar il-Baġit 2023 li jikkonċerna l-Ministeru tiegħu?

26/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda kampanja bi ħlas għal reklamar u promozzjoni dwar il-budget.

Seduta 39
31/10/2022

**BAĠIT 2023 – MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3432. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-baġit li ser jintefaq bejn is-17 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022 fuq reklamar u promozzjoni dwar il-Baġit 2023 li jikkonċerna l-Ministeru tiegħu?

26/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa mill-Ministeru ntefqu €1,000 fuq reklamar dwar il-Baġit 2023.

Seduta 39
31/10/2022

**BAĠIT 2023 – MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3433. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-baġit li ser jintefaq bejn is-17 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022 fuq reklamar u promozzjoni dwar il-Baġit 2023 li jikkonċerna l-Ministeru tiegħu?

26/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-ħin li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari s-somma fuq reklamar u promozzjoni dwar il-Baġit 2023 hija ta' 750 Euro.

Seduta 39
31/10/2022

**BAĠIT 2023 – UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - INFIQ FUQ REKLAMAR**

**3434. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm huwa l-baġit li ser jintefaq bejn is-17 ta' Ottubru, 2022 u l-31 ta' Diċembru, 2022 fuq reklamar u promozzjoni dwar il-Baġit 2023 li jikkonċerna l-Ministeru tiegħu?

26/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 39
31/10/2022

**ATTIVITÀ QUDDIEM IL-BERĠA TA' KASTILJA – RENDIKONT TAL-ISPEJJEŻ**

**3441. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont totali tal-ispiża għall-attività li saret quddiem Kastilja wara d-Diskors tal-Baġit nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru?

26/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 39
31/10/2022

**MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – INVESTIGAZZJONI KRIMINALI DWAR ARTIFATT STORIKU**

**3450. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Kif talabni nagħmel il-Ministru nnifsu fil-ħin tal-Mistoqsijiet Supplimentari tas-seduta tat-Tnejn 24 ta' Ottubru 2022, jista' l-Ministru jgħid jekk għadux soġġett għal investigazzjoni kriminali, kif ġie rappurtat f'Mejju li għadda, u jekk irritornax l-artifatt storiku li kellu jsebbaħ il-ġardina tiegħu?

26/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi kif diġà ddikjarat kull informazzjoni, assistenza u kooperazzjoni ingħatat lill-entitatijiet responsabbli. Rigward kwalunkwe investigazzjoni ta' kwalunkwe xejra fuq is-suġġett ma għandi l-ebda informazzjoni x'nirrapporta.

Seduta 39
31/10/2022

**SEVERE DISABILITY ALLOWANCE**

**3458. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 2438, li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid jekk hux qed jiġi propost li jiġi emendat il-mod ta' kif tingħata s-Severe Disability Allowance lil persuni li jbatu minn problema ta' saħħa mentali?

27/10/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 39
31/10/2022

**ENTONOX GAS**

**3459. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2436, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Gas Entonox kienx out of stock fil-perjodu Jannar 2021 u Settembru 2022 u kemm dam out of stock?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illil-Gas Entonox ma kienx out of stock fil-perjodu li semma hu.

Seduta 39
31/10/2022

**SPTAR MATER DEI – PROĊEDURI TAL-KATARRETTI**

**3460. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2435, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega kemm-il pazjent ġie affettwat wara li ġiet konfermata li kien hemm nuqqas ta' provvisti għall-operazzjonijiet tal-katarretti bejn l-1 ta' Ġunju u l-aħħar ta' Settembru 2022? Kemm damu biex saritilhom din il-proċedura minn meta kellhom ippjanat u jekk sarux kollha?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bejn Jannar u Settembru 2022 saru 2,421 operazzjonijiet tal- katarretti. Madwar 70 kas mill-medja ta' 300 li jsiru kull xahar, bejn Ġunju u Settembru kellhom jiġu posposti. Il pazjenti li kellhom l-operazzjoni posposta jirċievu appuntament ieħor mil-aktar fis.

Seduta 39
31/10/2022

**FORMOLARJU TAL-MEDIĊINI – ŻIEDA TA' MEDIĊINI LI JINTUŻAW FIL-QASAM TAL-PSIKJATRIJA**

**3461. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2451, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema huma ż-żewġ mediċini li qal se jidħlu fil-formolarju għall-użu fil-qasam tal-psikjatrija u meta se jidħlu?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illiż-żewġ mediċini li se jidħlu fil-formolarju għall-użu fil-qasam tal-psikjatrija huma Aripiprazole u Olanzapine.

Seduta 39
31/10/2022

**NATIONAL MENTAL HEALTH STRATEGY 2020-2030 - PROĠETT TA' SPTAR ĠDID**

**3462. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2450, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jippubblika l-pjan bid-dati għall-bidu u t-twettiq tal-proġett tal-isptar akut għas-saħħa mentali u jinkludi stima ta' nefqa?

27/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-isptar akut għas-saħħa mentali se jikkonsisti fi 8 swali b'total ta' 120 sodda. L-isptar se jinbena fuq medda ta' 10,000 metru kwadru u se joffri spazji miftuħa u faċilitajiet ta' parkeġġ. Infakkru wkoll illi kif diġà informajtu f'seduta oħra, f'Awwissu ta' din is-sena ġie awarded il-kuntratt għat-tfassil tat-tender tal-isptar akut tal-psikjatrija. L-art fejn se jinbena dan l-isptar diġà għaddiet mil-Lands Department għad- Dipartiment tas-Saħħa.

Seduta 39
31/10/2022

**RABAT – TRIQ TAT-TABIJA - TRAFFIC CALMING MEASURES**

**3463. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2209, jista' l-Ministru jispjega meta se tittieħed azzjoni dwar is-sitwazzjoni fi Triq tat-Tabija, ir-Rabat Malta għaliex id-diskussjonijiet ilhom għaddejjin xhur u snin u għadha ma ttieħdet ebda azzjoni peress li din it-triq hija ta' periklu għal kull min jużaha u/jew jgħix fiha?

27/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 39
31/10/2022

**KODIĊI TAL-ETIKA GĦALL-MINISTRI U L-MANWAL TAL-PROĊEDURI TAL-KABINETT**

**3494. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u l-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett ippubblikati f'Awwissu 2014 inbidlux jew ġewx emendati? Jekk iva, jista' jpoġġi kopja tal-aktar kodiċi u manwal reċenti fuq il-Mejda tal-Kamra?

27/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 39
31/10/2022

**KODIĊI TAL-ETIKA GĦALL-MINISTRI U L-MANWAL TAL-PROĊEDURI TAL-KABINETT**

**3506. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jikkonferma li skont il-Manwal ta' Proċeduri tal-Kabinett, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għandu d-dritt li jappunta 8 konsulenti? Jekk jikkonferma dan, jista' jgħid kif l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jimpjega 10 konsulenti?

27/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor . Interpellant li l-konsulenti li jagħmel referenza għalihom huma impjegati skont il-manwal relevanti. Nistiednu jara 7.7.4 u 7.6.1 tal-manwal li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra b'risposta għall-Mistoqsija Parlamentari nru 184.

Seduta 39
31/10/2022

**AWTORITÀ GĦALL-UŻU RESPONSABBLI TAL-KANNABIS - INDIRIZZ**

**3507. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid minn fejn qed topera bħalissa l-Awtorità għall-użu responsabbli tal-Kannabis (ARUP) u jagħti l-indirizz? Jista' jgħid jekk il-post inkeriex, minn meta u jekk inħarġitx sejħa għall-offerti? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt?

27/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Awtorità għall-użu responsabbli tal-Kannabis (ARUC) topera mill-Marsa u l-indirizz hu, 4th Floor, Onda Buildings, Triq Aldo Moro, Marsa. Peress li fl-istess binja kien hemm diġà sular li kien mikri lill-istess Ministeru li kienet taqa' taħtu l-ARUC (bażikament il-Human Right Directorate), kien għaqli li jinkera sular ieħor peress li s-servizzi kollha tal-IT, apparti affarijiet oħra, kienu diġà lesti f'posthom. Kopja tal-kuntratt qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 39
31/10/2022